Minuti

Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara

ID-DISGHA LEGISLATURA

Laqgha numru 45. Iaqgħa ta' Emerġenza b' kontinwazzjoni

6 ta Lulju 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5.45 ta' filgħaxija.

Prezenti:

Desirei Grech – Sindku
Luke Vella – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Gilmor Borg – Kunsillier

Assenti b'apologija:
Alfred Attard – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier

Assenti:
Maurizio Gauci – Vici sindku
Stefano Sicari – Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

45.4.1 Is-sindku Staqsiet lis-segretarju Eżekuttiv jekk irċevietx ittri t'apoloġija fejn hi qalet li irċeviet 3; Alfred Attard, Rosette Cassar u Karl Cutajar.

45.2 Approvazzjoni ħaddiem ġdid Skala 12.

45.2.1 Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-proċess ta' reklutaġġ għall-kariga ta' Skrivan, Skala 12, ġie konkluż u r-riżultati ntbagħtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll lil Jobsplus.
Hija spjegat li għall-imsemmija kariga waslu żewġ applikazzjonijiet. Madankollu, waħda mill-applikazzjonijiet ġiet irtirata peress li l-kandidata rrifjutat li tattendi għall-intervista, wara li informat lill-Kunsill li kienet aċċettat opportunità ta' impjieg oħra.
Is-Sindku żiedet tgħid li kien fadal biss l-approvazzjoni formali tal-Kunsill sabiex il-proċess jitlesta. Għalhekk, tqassmu lill-kunsilliera d-dokumenti tal-evalwazzjoni u ċ-ċertifikati tal-kandidat sabiex ikunu jistgħu jikkunsidrawhom qabel tittieħed id-deċiżjoni finali.

45.2.2 Wara Konsiderazzjoni ta dokumenti il-kandidat ġie approvat b'mod unanimu bejn dawk preżenti.

45.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.3.1 Peress li ma kienx fadal aktar punti x'jiġu diskussi, il-laqgħa ntemmet fil-5:58 p.m.
Ġie maqbul li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser issir nhar it-13 ta' Lulju fil-5:30 p.m.

Iffirmati

Christine Jo Mansueto